TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 393/10

**Massielle Caruana**

**vs**

**Telecom – Mr Marcel Grech**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mitejn u ħames ewro (€205), rappreżentanti prezz ta' logħba Nintendo DSI.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat logħba Nintendo DSI mingħand id-ditta intimata u li ma kinitx qegħda taħdem tajjeb.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi l-logħba in kwistjoni ġralha l-ħsara riżultat ta' '*oxidization*'. Illi bagħtu l-logħba barra minn Malta għand il-fornituri, li min-naħa tagħhom irrifjutaw li jsewwu l-imsemmija logħba taħt garanzija minħabba li sabu illi ġiet f'kuntatt ma' xi tip ta' likwidu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex ir-rikorrenti tieħu logħba ġdida, iżda hi ma marritx għaliha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, stante li kien hemm dan il-ftehim illi tingħatha oħra b'xejn, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888